MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2023

Appell Inferjuri Numru 44/2016 LM

**Dennis Cutajar (K.I. 371881M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Kummissarju tat-Taxxi**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Dennis Cutajar,** hawnhekk "l-appellant", minn sentenza preliminari tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'), tat-22 ta' Marzu, 2022 (minn issa 'l quddiem 'is-sentenza preliminari'), li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-aggravju tad-dekadenza sollevat mir-rikorrent fir-rigward tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u filwaqt li ddikjara li din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ma

nħarġitx *fuori termine,* ordna l-prosegwiment tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-imsemmi rikorrent.

## **Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn spjega li fis-17 ta' Diċembru, 2010, inħareġ fil-konfront tiegħu Avviż ta' Likwidazzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxi, li permezz tiegħu r-rikorrent intalab iħallas bilanċ ta' €18,478 f'taxxi. Ir-rikorrent qal li huwa oġġezzjona għal dan l-avviż, iżda l-oġġezzjoni tiegħu ġiet miċħuda. Ir-rikorrent saħaq li din il-likwidazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u qal li la l-Avviż ta' Likwidazzjoni u lanqas l-Avviż ta' Rifjut ma nħarġu b'mod raġonevoli u ġust. Ir-rikorrent qal ukoll li l-likwidazzjoni saret *fuori termine* skont l-artikoli 30 u 31 tal-Kap. 372, u huwa qatt ma rċieva l-qligħ li qiegħed jiġi dikjarat mill-intimat. Qal ukoll li l-kalkoli tal-intimat huma għal kollox żbaljati u bbażati fuq premessi ħżiena, u huwa ma ngħatax smigħ xieraq fl-istadju tal-oġġezzjoni. Qal ukoll li l-qligħ preċedentement iddikjarat minnu kien veritier, u l-multi amministrattivi u l-imgħax punittiv jippekkaw serjament rigward il-prinċipju tal-proporzjonalità.

3. Il-Kummissarju intimat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda. Spjega li l-vertenza odjerna tikkonċerna d-dħul tar-rikorrent b'riferiment għas-snin ta' stima 2004 u 2005, f'liema perijodu r-rikorrent kien jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni, u kien qed jiżviluppa proġett fi Triq it-Tank, is-Siġġiewi, bi sħab ma' Nicholas Cutajar, u ttasferixxa l-arja ta' żewġ

proprjetajiet bħala parti mill-istess proġett. L-intimat spjega li permezz ta' 'Avviż ta' Verifika', datat l-1 ta' Ġunju, 2010, id-Dipartiment kien informa lir-rikorrent li kienet ser issir verifika dwar id-dħul kif dikjarat minnu għas-sena ta' stima 2008, u li din l-investigazzjoni sussegwentement ġiet estiża għas-snin 2004 u 2005. Ingħad li tali verifika skattat għaliex permezz tal-formoli tat-taxxa sottomessi mir-rikorrent għas-snin 2007 u 2008, ir-rikorrent talab rifużjoni tat-taxxa provviżorja mħallsa fuq il-qligħ kapitali. Ġie spjegat li tul il-kors tal-verifika, irriżulta li r-rikorrent ittrasferixxa l-arja ta' diversi proprjetajiet li fil-fatt ma kinux arja, iżda kienu effettivament żviluppati u kienu jiffurmaw parti minn dan il-proġett. Ingħad ukoll li s-sieħeb tar-rikorrent fil-proġett, jiġifieri, Nicholas Cutajar, kien ukoll investigat fuq l-istess proġett, u minn din l-investigazzjoni kien irriżulta li għalkemm il-kuntratti ta' trasferiment kienu juru li qed tiġi ttrasferita l-arja, fil-fatt kien qiegħed jiġi ttrasferit bini żviluppat, bi prezz ogħla minn dak indikat fil-kuntratt.

4. Il-Kummissarju intimat spjega li mit-*Tax Audit Report* ippreparat mill-uffiċjali li mexxew din l-investigazzjoni, baqa' ma kienx hemm qbil dwar żewġ trasferimenti li kien għamel ir-rikorrent fl-1 ta' April, 2003 u fis-17 ta' Novembru, 2004, fejn ittrasferixxa 'arja' bħala parti minn proġett fi Triq it-Tank, Siġġiewi, għall-prezz dikjarat ta' LM7,000 u LM8,500 rispettivament. Qal li dawn it-trasferimenti saru bl-istess mod kif saru t-trasferimenti preċedenti, li kienu jiffurmaw parti mill-istess proġett, u filwaqt li fuq il-kuntratt ta' trasferiment ingħad li kienet qegħda tiġi ttrasferita l-arja, fil-fatt kien qiegħed jiġi ttrasferit bini żviluppat bi prezz ogħla minn dak dikjarat, u liema differenza ma kinitx qegħda tiġi dikjarata għal skopijiet fiskali. L-intimat qal li mill-investigazzjoni li

saret irriżulta li l-arja ttrasferita mir-rikorrent fl-2003 u fl-2004 kienet tifforma parti mill-istess proġett ġewwa Triq it-Tank, Siġġiewi, li kien l-istess proġett li dwaru Nicholas Cutajar ikkonferma li fejn kien jidher li ġiet trasferita 'arja' bi prezz ta' LM7,000, fil-fatt it-trasferiment kien tal-valur ta' LM32,000. L-intimat spjega li huwa qies li fejn il-valur tat-trasferiment fuq il-kuntratt tal-1 ta' April, 2003 ġie dikjarat li kien ta' LM7,000, fil-fatt il-valur ta' dan it-trasferiment kien ta' LM32,000, filwaqt li l-valur dikjarat fuq il-kuntratt tas-17 ta' Novembru, 2004 li kien ta' LM8,500 fil-fatt kellu jiġi miżjud għal LM34,000, wara li l-intimat assuma li sar profitt ta' 60%. L-intimat spjega wkoll li kien abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li huwa ħareġ il-likwidazzjonijiet tiegħu fil-konfront tar-rikorrent. Spjega li r-rikorrent ħassu aggravat bil-likwidazzjonijiet maħruġa kontra tiegħu, u fl-1 ta' Frar, 2011 dan oġġezzjona permezz ta' żewġ 'avviżi ta' oġġezzjoni'. L-intimat spjega li waqt l-istadju ta' oġġezzjoni, bejn Ġunju u Ottubru 2011, saru tliet laqgħat mar-rikorrent, fejn ġie spjegat il-metodu li ntuża mill-intimat sabiex jasal għal-likwidazzjoni tiegħu. Fil-5 ta' Ottubru, 2011, ir-rikorrent informa lill-uffiċjali li kienu qegħdin imexxu l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu, li huwa ma kienx lest li jasal fi ftehim mad-Dipartiment.

5. L-intimat spjega li r-rikorrent baqa' ma ressaqx provi sabiex jissostanzja l-allegazzjoni li huwa kien ittrasferixxa 'arja' u mhux proprjetà żviluppata, u għalhekk baqa' ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet, sakemm fil-15 ta' Ġunju, 2016 il-Kummissarju tat-Taxxi pproċeda bil-ħruġ ta' 'Likwidazzjoni (Rifjut)', filwaqt li fis-16 ta' Ġunju, 2016 ipproċeda bil-ħruġ ta' żewġ rifjuti tal-oġġezzjoni, għaliex l-istima maħruġa minnu ma tistax tiġi kkunsidrata bħala invalida abbażi tal-artikolu 31(7)(b) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; kif ukoll abbażi

tal-fatt li r-rikorrent naqas milli jiddikjara l-qligħ kollu li għamel min-negozju tiegħu għas-sena ta' stima 2005 skont l-artikolu 4(1)(a) tal-Att dwar it-Taxxa.

6. Il-Kummissarju intimat spjega li r-rikorrent ħassu aggravat bil-likwidazzjonijiet maħruġa minnu, u intavola l-appell quddiem it-Tribunal fejn talab li l-imsemmija likwidazzjonijiet għandhom jiġu mħassra. L-intimat qal li l-likwidazzjonijiet in kwistjoni ħarġu minnu a tenur tal-artikolu 31(7)(b) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, wara li r-rikorrent issottometta prospett ta' taxxa li kien qarrieqi f'aspett materjali. Saħaq li mill-investigazzjoni li saret, irriżulta li l-bejgħ ta' 'arja' li r-rikorrent iddikjara li għamel fl-2003 u fl-2004 kien sar bl-istess mod kif saru trasferimenti oħrajn fl-istess binja, jiġifieri effettivament dan kien qiegħed jittrasferixxi proprjetà żviluppata bi prezz ogħla minn dak dikjarat, bid-differenza fil-prezz ma tiġix dikjarata għal raġunijiet fiskali. Qal li l-oġġezzjonijiet tar-rikorrent fis-sens li huwa ma ngħatax smigħ xieraq fl-istadju tal-oġġezzjoni, huma għal kollox infondati, u r-rikorrent ingħata kull opportunità li jġib il-provi mitluba minnu sabiex juri li l-prezzijiet dikjarati fil-kuntratti ta' trasferiment li saru fl-2003 u fl-2004, kienu korretti. L-intimat qal li mill-provi għandu jirriżulta li fl-istadju ta' oġġezzjoni saru diversi laqgħat u komunikazzjoni oħra mar-rikorrent kemm bit-telefon, kif ukoll bil-posta elettronika, u r-rikorrent ingħata kull opportunità li jressaq l-argumenti tiegħu iżda naqas milli jagħmel dan. L-intimat qal ukoll li l-istadju tal-oġġezzjoni ngħalaq biss wara li kien ċar li l-partijiet ma kinux ser jaslu fi ftehim wara li r-rikorrent invoka l-preskrizzjoni, u għalhekk ma jistax jingħad li huwa ma ngħatax smigħ xieraq. L-intimat qal li t-taxxa addizzjonali u l-imgħax ġew imposti skont

il-liġi, u għad hemm lok li r-rikorrent jitlob lill-intimat jeżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilu fil-liġi u jnaqqas tali taxxa u imgħaxijiet.

## Mertu

7. Flimkien mar-risposta tiegħu, il-Kummissarju intimat ippreżenta kopja tal-'Avviż ta' Verifika' għas-sena ta' stima 2008; 'Avviż ta' Verifika' għas-snin ta' stima 2004 u 2005; kopja tal-'Prospett ta' Taxxa' tar-rikorrent għas-sena ta' stima 2007; kopja tal-'Prospett ta' Taxxa' tar-rikorrent għas-sena ta' stima 2008; kopja tat-'*Tax Audit Report';* kopja tal-'Prospetti tat-Taxxa' tar-rikorrent għas-snin ta' stima 2004 u 2005; kopja tal-'Likwidazzjonijiet' għas-snin ta' stima 2004 u 2005 li nħarġu wara li saret il-verifika; kopja tal-'Avviżi ta' Oġġezzjoni' għas-snin ta' stima 2004 u 2005; kopja tal-'*Objection Report';* kopja tal-'Likwidazzjonijiet (Rifjut)' għas-snin ta' stima 2004 u 2005; u kopja tar-'Rifjuti tal-Oġġezzjoni' għas-snin ta' stima 2004 u 2005.

8. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2016, l-avukati difensuri tal-partijiet ivverbalizzaw quddiem it-Tribunal li kienu qegħdin jaqblu li bħala fatt l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri nħarġu oltre t-terminu ta' ħames snin prevvist fil-liġi.

9. **Michelle Xuereb**, *accountant* fit-Taqsima tal-Appelli tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, qalet li r-rikorrent waqa' taħt il-lenti tad-Dipartiment wara li daħħal l-*income tax returns* għas-snin 2007 u 2008, fejn kien talab rifużjoni tat-taxxa proviżorja li kien ħallas fuq il-qligħ kapitali. Ix-xhud qalet li meta wieħed

jirreferi għall-formola tat-taxxa għas-sena ta' stima 2008, fuq in-naħa ta' wara jidher li r-rikorrent kien qiegħed jitlob LM4,270 bħala taxxa li huwa jgħid li ħallas żejjed, u meta hija vverifikat il-*profit and loss account* sottomess mir-rikorrent, irriżultalha li l-ispejjeż relatati mal-bejgħ ta' proprjetà li r-rikorrent kien biegħ matul dik is-sena, l-ammonti kienu jeċċedu l-flus li daħħal mill-istess bejgħ. Qalet li l-istess ħaġa ġrat fis-sena ta' qabel, fejn ir-rikorrent ukoll talab rifużjoni tat-taxxa mħallsa minnu provviżorjament. Ix-xhud qalet li mill-istqarrijiet li ppreżenta r-rikorrent, kien jidher li huwa biegħ l-arja ta' fuq il-*penthouse* u l-arjiet ta' fuq il-garaxxijiet lil persuni differenti. Qalet ukoll li meta ġie stabbilit li r-rikorrent ma talabx rifużjoni tat-taxxa fuq sena waħda jew tnejn, intalbet aktar informazzjoni għas-snin 2001 sa 2008 sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent kienx għamel dikjarazzjonijiet qarriera bil-għan li jevita t-taxxa. Ix-xhud qalet li lid-Dipartiment irriżultalu li Nicholas Cutajar jiġi missier ir-rikorrent, u li dawn kienu sħab f'negozju ta' żvilupp ta' sit fi Triq it-Tank, is-Siġġiewi, apparti proprjetajiet oħra. Qalet li dan is-sit inxtara mir-rikorrent u minn missieru fid-29 ta' Jannar, 2000. Ix-xhud qalet li Nicholas Cutajar ukoll kien investigat mid-Dipartiment, u dan kien eventwalment wasal għal ftehim dwar il-modalità kif kellha titħallas it-taxxa dovuta minnu. Ix-xhud qalet li missier ir-rikorrent kien iddeċieda li jiffinalizza l-ftehim u li jassumi waħdu l-piż tat-taxxa dovuta minnu u mir-rikorrent. Ix-xhud qalet li għad li rriżulta li r-rikorrent lanqas kellu kont bankarju tiegħu, huwa kien attivament involut f'dak kollu li kien qed jiġri, u dan ma kienx sempliċiment każ fejn il-missier kien qed imexxi kollox hu. Qalet ukoll li l-intenzjoni ma kinitx li s-sit jinxtara u tinbiegħ l-arja tiegħu, iżda li s-sit jiġi żviluppat u mibjugħ. Ix-xhud qalet li d-Dipartiment kellu ndikazzjonijiet ċari li l-ammont iddikjarat fl-*income tax return* ma kienx l-ammont veritier li r-rikorrent

daħħal min-negozju li kien għamel, minkejja li mid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa kien jidher li kien ġie żviluppat garaxx, u l-kumplament tas-sit inbiegħ bħala arja. Ix-xhud qalet ukoll li r-rikorrent ma kienx sempliċement *silent partner* fin-negozju ma' missieru, iżda l-permessi għall-iżvilupp saħansitra ħarġu fuq ismu. Żiedet tgħid li dak li l-aktar li kien jinteressa lid-Dipartiment ma kienx jekk l-arja ġietx żviluppata jew le, iżda jekk l-ammont ta' dħul iddikjarat fl-*income tax return* kienx verament dak li r-rikorrent daħħal. Qalet li lid-Dipartiment dan irriżultalu mill-kontijiet fejn kienu qegħdin jidħlu dawn il-flejjes.

10. Fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent qal li din kienet l-ewwel darba li missieru daħħlu fin-negozju, u kien involvieh fil-kuntratt sabiex iħajjru jkompli fis-sengħa tiegħu. Ix-xhud qal li hu u missieru kienu ttrasferew l-arja biss u mhux żviluppawha.

11. **Josef Abela**, *accountant* mat-Tax Compliance Unit (it-TCU), xehed li huwa kien wieħed mill-uffiċjali involuti fl-*audit* li sar fir-rigward tar-rikorrent. Qal li r-rikorrent kien ġie infurmat li kien ser jibda *tax audit* permezz ta' ittra datata l-1 ta' Ġunju, 2010, u filwaqt li inizjalment dan kien infurmat li l-*audit* kien ser isir rigward is-sena ta' stima 2008, aktar tard ir-rikorrent ġie infurmat li ser jiġu kkonsidrati snin oħra. Qal li matul il-kors ta' dan it-*tax audit,* ir-rikorrent u l-ġenituri tiegħu kienu involuti f'diversi tranżazzjonijiet ta' arja fiż-żona ta' Triq it-Tank, is-Siġġiewi, u mill-kuntratti li ġew ikkonsidrati jirriżulta li r-rikorrent kellu s-sehem ta' 50% f'din il-proprjetà. Ix-xhud qal li waqt l-*audit* ġie stabbilit li missier ir-rikorrent kien involut f'*tax audit* mid-Dipartiment tat-*Tax Audits* u mhux mit-TCU, u rriżulta li kien hemm bejgħ ta' diversi arjiet li l-valur tagħhom ma kienx wieħed korrett għaliex kien hemm *over deposits* fil-kont bankarju tal-

missier. Dan ix-xhud qal ukoll li missier ir-rikorrent kien laħaq ftehim mad-Dipartiment, iżda s-snin bażi 2003 u 2004 ma kinux parti mill-ftehim li ntlaħaq mal-missier. Ix-xhud spjega li fir-rigward tal-kuntratt tal-1 ta' April, 2003, ir-rikorrent u l-ġenituri tiegħu kienu biegħu l-arja ta' *maisonette* lil ċertu David Scicluna, liema bejgħ ġie ddikjarat li kien għall-valur ta' LM7,000. Ix-xhud kompliet tgħid li x-xerrejja kienu ssellfu l-ammont ta' LM22,000 għal dan l-akkwist, li LM4,300 kienu ttieħdu biex tinxtara l-arja, filwaqt li LM17,700 kienu meħtieġa għall-kostruzzjoni u t-tlestija tal-proprjetà. Ix-xhud kompla jgħid li kien ġie stabbilit li x-xerrej ta' din il-proprjetà, jiġifieri David Scicluna, kien bidel l-indirizz tiegħu xahrejn biss wara li xtara din il-proprjetà. Qal ukoll li fil-kuntratti tal-akkwist kien hemm klawsola li tgħid li "*the purchaser and the owner of the overlying apartment are to finish the facade from the level of the pavement".* Ix-xhud kompla jgħid li l-permessi għall-iżvilupp ta' dan is-sit ħarġu f'isem ir-rikorrent, u fattur ieħor li ġie kkonsidrat fl-*audit* li sar, kien li fis-snin li matulhom ir-rikorrent kien qiegħed jaħdem fuq il-proġett fi Triq it-Tank, id-depożiti bankarji fuq il-bejgħ, dejjem kienu qegħdin ikunu aktar minn dak li ġie ddikjarat.

12. Ix-xhud kompla jgħid li kien hemm bejgħ ieħor fis-17 ta' Novembru, 2004, fejn ir-rikorrent u missieru kienu biegħu l-arja f'din l-istess triq lil Antoine Scicluna u lil Nadine Micallef, bil-prezz fuq il-kuntratt ikun iddikjarat li kien LM8,500, iżda x-xerrejja ssellfu LM34,000, li minnhom LM4,000 intużaw għax-xiri tal-arja u l-bilanċ rimanenti kellu jintuża għax-xogħol ta' kostruzzjoni. Ix-xhud qal li x-xerrejja ddelegaw lill-bank biex iħallas direttament lill-vendituri s-somma ta' LM34,000, LM4,000 għall-arja u r-rimanenti LM30,000 għall-materjal u x-xogħol. Ix-xhud qal li f'partijiet oħra tal-kuntratt ġie stipulat li x-xogħol ta'

kostruzzjoni f'dan il-kumpless ta' bini fil-fatt sar mir-rikorrent u minn missieru, u mill-*compliance certificate* tal-MEPA maħruġ fis-17 ta' Ottubru, 2005, l-applikazzjoni tas-servizz tal-elettriku kienet datata l-4 ta' Novembru, 2005, li huwa terminu ta' żmien qasir wisq biex fih titlesta proprjetà bħal din. Ix-xhud kompla jispjega li mit-*tax return* tar-rikorrent tal-2005, ġie osservat li l-apporzjonament tal-ispejjeż fir-rigward tal-bejgħ li sar favur Antoine Scicluna u Nadine Micallef inħadem fuq il-profitt ta' *unit* u garaxx, meta mill-kuntratti ma jirriżultax li nbiegħ garaxx lil dawn ix-xerrejja. Ix-xhud qal li dawn il-kuntratti juru x-xejra mibdija fis-snin ta' qabel, fejn il-proprjetà kienet tiġi sottovalutata.

13. **Antoine Scicluna**, fix-xhieda tiegħu kkonferma li huwa kien xtara l-arja u mhux proprjetà fi Triq it-Tank, Siġġiewi, bil-prezz ta' LM8,500, u kkonferma li mis-somma li hu u Nadine Micallef issellfu, l-ammont ta' LM4,000 intuża għall-akkwist tal-arja, filwaqt li r-rimanenti LM30,000 intużaw għax-xiri ta' materjal u għall-kostruzzjoni tal-binja. Ix-xhud qal li kien hu li bena, imma fejn ikollu diffikultà kien iqabbad lil Nicholas Cutajar, għaliex dan kien bniedem tas-sengħa fil-bini. Qal ukoll li għal dan ix-xogħol huwa kien iħallas lil Cutajar bi flus kontanti, u Cutajar qatt ma kien jagħti riċevuta għal dawn il-ħlasijiet. Ix-xhud qal ukoll li dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt, fuq is-sit kien hemm biss l-arja u l-binja kienet għadha ma telgħetx. Għal domandi speċifiċi li sarulu, ix-xhud qal li l-ġebel għall-bini tal-fond inxtara minn Cutajar u minnu, il-bini ttella' minnu u minn Cutajar, u kien Cutajar li saqqaf il-fond. Qal li huwa kien iħallas lil Cutajar għax-xogħol li kien jagħmillu fil-fond.

14. **Nadine Scicluna** xehdet li hi u r-raġel tagħha Antoine marru joqogħdu fil-post li akkwistaw fi Triq it-Tank, Siġġiewi, wara li żżewġu fl-2011. Qalet li meta

dehru fuq il-kuntratt ta’ akkwist, huma kienu xtraw l-arja, u l-binja telgħet bil-mod, u spjegat li filwaqt li r-raġel tagħha kien imur jibni wara l-ħin tax-xogħol, fuq is-sit kien ikun hemm jgħinu Nicholas Cutajar.

15. **David Scicluna**, fix-xhieda tiegħu qal li huwa dawwar il-karta tal-identità għal fuq il-fond fi Triq it-Tank, Siġġiewi, f’Ġunju tal-2003, u qal li meta deher fuq il-kuntratt ta’ self u bejgħ tal-1 ta’ April, 2003, huwa xtara biss l-arja tal-fond. Ix-xhud qal li l-fond inbena minnu bl-għajnuna ta’ Nicholas Cutajar, u qal li minkejja li huwa jaħdem il-Freeport, huwa kien imur jaħdem fuq is-sit u kien jgħin lil Cutajar.

16. Ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, qal ukoll li kienet xewqa ta’ missieru li huwa jkompli l-istess linja ta’ negozju tiegħu, u huwa beda jinvolvi ruħhu fix-xogħol ta’ missieru fis-sena 2000, u dam jaħdem miegħu sas-sena 2010. Qal li missieru huwa fin-negozju tax-xiri u l-bejgħ tal-proprjetà. Qal li minkejja li huwa kien jidher fuq il-kuntratti, huwa ma kellux rwol attiv fix-xogħol tal-bini. Qal li l-proprjetajiet ittrasferiti fl-2003 u fl-2004, kienu għadhom arjiet meta ġew ittrasferiti, u qal li ma jafx min kien li żviluppa dawn l-istess proprjetajiet.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

17. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-22 ta’ Marzu, 2022, it-Tribunal ċaħad l-aggravju tad-dekadenza sollevat mir-rikorrent fir-rigward tal-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004, u filwaqt li ddikjara li l-imsemmija Likwidazzjoni

ta’ Taxxa ma nħarġitx *fuori termine,* ordna l-prosegwiment tal-kawża, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**Ikkonsidra:***

*Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjoni ta’ Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-sena ta’ stima 2004 (fn. 13 Dok. “DC01” a fol. 2 u 3 tal-proċess), permezz ta’ liema qed jiġi mitlub iħallas is-somma komplessiva ta’ **€18,478** rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali u imgħax. Huwa jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka* in toto *l-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004 hekk maħruġa fil-konfront tiegħu in bażi għas-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004 u l-avviż ta’ rifjut ma nħarġux* properly, reasonably *u* fairly; *(ii) il-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004 inħarġet* fuori termine *– Artikoli 30 u 31 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta’ Malta; (iii) huwa qatt ma rċieva l-qligħ illi qed jgħid il-Kummissarju tat-Taxxi; (iv) il-kalkoli tal-Kummissarju tat-Taxxi huma għal kollox żbaljati u bażati fuq premessi ħżiena; (v) huwa ma ngħatax smigħ xieraq fl-istadju tal-oġġezzjoni; (vi) il-qligħ preċedentement iddikjarat minnu kien veritier; (vii) ir-rapport taxxa perikolata / multi amministrattivi u imgħax punittiv jippekkaw serjament f’dak illi hija proporzjonalità.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tar-Rikorrent mil-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta’ Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) il-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004 inħarġet ai termini tal-Artikolu 31(7)(b) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li r-Rikorrent issottometta prospett ta’ taxxa li kien qarrieqi f’aspett materjali; (ii) ma huwiex minnu li r-Rikorrent ma ingħatax smigħ xieraq fl-istadju tal-oġġezzjoni; (iii) it-taxxa addizzjonali u imgħax ġew imposti skont il-Liġi u għad hemm lok li r-Rikorrent jitlob li l-Kummissarju tat-Taxxi, fid-diskrezzjoni mogħtija lilu fil-Liġi, inaqqas tali taxxa addizzjonali u interessi; (iv) il-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004 inħarġet ai termini tal-Liġi u abbażi tal-fatti u tad-dritt.*

*Fid-dawl tal-aggravju tad-dekadenza sollevat mir-Rikorrent, il-partijiet kontendenti f’dan l-istadju tal-proċeduri llimitaw il-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom għal dan l-aggravju. Għaldaqstant din id-deċiżjoni ser tittratta u tiddetermina biss l-aggravju tad-dekadenza hekk sollevat mir-Rikorrent.*

*Għalkemm fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jikkontendi li l-Likwidazzjoni ta’ Taxxa għas-sena ta’ stima 2004 inħarġet* fuori termine *skont l-Artikoli 31 u 32 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Artikolu tal-Liġi applikabbli għall-każ in eżami huwa biss l-*

*Artikolu 31 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta stante li hawn si tratta ta' sena ta' stima sussegwenti għas-sena ta' stima 1999.*

*Ai termini tal-Artikolu 31(5) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta* meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li għandha titħallas minn persuna għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti tkun ġiet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi intaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jinġiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skont l-aħjar ġudizzju tiegħu jagħmel stima tal-*income* taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun għamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun ġiet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi intaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jagħmel stima jew stimi addizzjonali. *Is-subartikolu (6) tal-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li* stima jew stimi addizzjonali għal xi sena ta' stima taħt is-subartikolu (5) għandha ssir jew għandhom isiru mhux iktar kmieni miż-żmien preskritt taħt l-artikolu 10(1) sabiex jintbagħat il-prospett tal-*income* għal dik is-sena u mhux iktar tard minn ħames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett tal-*income* jew prospett ulterjuri għal dik is-sena jew li fiha tkun saret għażla taħt l-artikolu 12 għal dik is-sena.

*Nonostante dak provdut fl-imsemmi subartikolu (6) tal-Artikolu 31 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, is-subartikolu (7) tal-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li* minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) meta persuna: (a) tkun bagħtet prospett jew prospetti lill-Kummissarju u fihom ma tkunx żvelat il-fatti materjali kollha rilevanti għaliex jiġi determinat l-*income* u t-tnaqqis permess; jew (b) bil-għan li tiġi evitata t-taxxa jew bi traskuraġni kbira jew konsapevoli tkun bagħtet lill-Kummissarju prospett li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspetti materjali, stima jew stima addizzjonali taħt is-subartikolu (5) tista' ssir f'kull waqt wara ż-żmien stipulat skont ma hemm f'dan l-Att għar-rigward tal-konsenja tal-prospett tal-*income* għal dik is-sena.

*Fil-każ in eżami l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 inħarġet fil-konfront tar-Rikorrent wara għeluq it-terminu ta' ħames snin previst fl-artikolu 31(6) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan hemm qbil bejn il-partijiet kontendenti hekk kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2016. (fn. 14 Fol. 71 tal-proċess) Iżda il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa inħarġet fil-konfront tar-Rikorrent ai termini tal-Artikolu 31(7)(b) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta li, kif ġia osservat, jiskatta meta t-*taxpayer*, *bil-għan li tiġi evitata t-taxxa jew bi traskuraġni kbira jew konsapevoli, jkun bagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi prospett tal-*income* li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali.*

*It-Tribunal josserva li ma hemmx dubju li s-sitwazzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 31(7) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta – inkluż għalhekk is-sitwazzjoni kkontemplata fis-subparagrafu (b) – jivviżwalizzaw każijiet fejn it-*taxpayer *ikun aġixxa b'malafede u b'mod doluż jekk mhux addirittura frawdolenti bl-iskop evidenti li tiġi evitata t-taxxa dovuta minnu. Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li l-malafede, id-dolo u l-frodi jridu jiġu debitament ippruvati u mhux preżunti (fn. 15 Artikolu 532 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallegaha, ossia fil-każ in eżami fuq il-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***John Calleja v. Carmelo sive Charles Degiorgio et, Appell Ċivili Nru. 833/97*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu, 2004, fejn ġie osservat illi* skont l-artikolu 532 tal-Kap. 16 il-buona fede hi preżunta u min jallega l-mala fede għandu jippruvaha. Prova din li trid tirriżulta minn ċirkostanzi univoċi (Vol. XLIII p. I p. 146). La prova della mala fede si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche" (Borg v. Grech, 30 ta' Jannar, 1869 ċitata fis-sentenza a Vol. XXIX p. II p.153). Jinkombi għalhekk fuq l-attur *(fil-każ in eżami fuq il-Kummissarju tat-Taxxi)* l-oneru li jinnewtralizza u jwaqqa' l-prinċipju ġenerali tal-presunzjoni sanċit fl-Artikolu imsemmi tal-Liġi. *Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***AB v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 10/07*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ġunju, 2008, fejn ġie osservat illi* in tema ta' liġi l-frodi jew id-dolo ma hux preżunt u jrid jiġi pruvat. Ara Artikolu 981(2) tal-Kodiċi Ċivili. Anke civiliter din il-prova għandha tiġi supplita b'rigur partikolari u mhux permezz ta' sempliċi induzzjonijiet jew presunzjonijiet. Dan għaliex, kif ritenut, min jallega d-dolo jrid jipprova li l-parti l-oħra użat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li huma gravi u determinanti. Ara **Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti**, Prim'Awla Qorti Ċivili, 4 ta' Frar, 1985. Naturalment u b'danakollu, il-fatt illeċitu jista' jiġi muri b'kull mezz rikonoxxut mil-liġi. *Jiġi osservat li għalkemm is-sentenza appena ċitata kienet tittratta dwar l-Artikolu 30(5) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, il-prinċipji hemm enunċjati japplikaw ukoll għall-Artikolu 31(7) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta li fil-fehma tiegħu huwa l-provvediment legali korrispettiv għal dak enunċjat fl-Artikolu 30(5) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' prospett tal-income għas-sena ta' stima 1999 jew snin sussegwenti.*

*In sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu għall-aggravju tad-dekadenza sollevat mir-Rikorrent, il-Kummissarju tat-Taxxi ressaq bħala xhud lil Josef Abela, l-uffiċjal tat-Tax Compliance Unit illi mexxa l-investigazzjoni fil-konfront tal-imsemmi Rikorrent. Josef Abela (fn. 16 vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April, 2017, fol. 91 sa 95 tal-proċess) ddikjara li* s-Sur Dennis Cutajar ġie infurmat li kien se jibda tax audit fuq dikjarazzjonijiet tiegħu permezz ta' ittra datata l-1 ta' Ġunju tas-sena 2010 (*fn. 17 fol.*

*130 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16)* ... f'din l-ittra hemm li s-Sur Cutajar kien notifikat li kien se jkun hemm *tax audit* fuq is-sena ta' stima 2008 u aktar tard imbagħad waqt l-ewwel appuntament li kien sar fit-22 ta' Ġunju konna nfurmajna lir-rappreżentant li sa naraw snin oħra. Matul il-kors ta' dan it-*tax audit* kien stabbilit li fis-snin 2000 sa 2004, is-Sur Dennis Cutajar flimkien mal-ġenituri tiegħu kienu involuti f'diversi bejgħ ta' arja fiż-żona ta' Triq it-Tank, fis-Siġġiewi. Skont kif jidher fil-kuntratti, is-Sur Dennis Cutajar kellu 50% sehem filwaqt li l-bqija tal-50% l-oħra kienu fis-sehem tal-ġenituri tiegħu. Waqt l-audit kien stabbilit ukoll li missier Dennis Cutajar kien diġà involut f'*tax audit* mad-Dipartiment tat-*tax audits* u mhux mat-TCU u hemmhekk kienu nnutaw li kien hemm diversi bejgħ ta' arja li l-valur tagħha ma kienx wieħed korrett tant li kienu sabu xi over deposits fil-kont bankarju tiegħu u anke xi informazzjoni oħra u dan fuq il-perijodu ta' missieru ... intant kien laħaq *agreement* missier is-Sur Dennis Cutajar fis-sena 2009. Imbagħad min-naħa tagħna, it-TCU x'ħin bdiet it-*tax audit* kienet infurmat lis-Sur Dennis Cutajar li s-sena bażi 2003 u 2004 ma kinux parti mill-*agreement* ta' missieru għaliex missieru l-*agreement* kien bejn is-sena 2000 u s-sena 2002 u allura s-sena 2003 u s-sena 2004 ma kinux parti minn dan l-*agreement* u skont il-kuntratti ta' bejgħ kien hemm f'dawn is-sentejn, is-Sur Cutajar kellu 50%, kellna xi informazzjoni oħra li issa ser nitkellmu iktar fuqha u konna tlabnieh li jsir aġġustament fuq dawk is-sentejn ukoll. Sentejn li l-proprjetà kienet mill-istess żona ta' snin ta' qabel. *Josef Abela kkonferma li r-Rikorrent kien iddikjara 50% mill-valur dikjarat fil-prospetti tal-*income *tiegħu għas-snin ta' stima 2004 u 2005 u dana kif jirriżulta mill-istess prospetti tal-*income *esebiti a fol. 134 sa 141 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16.*

*Fir-rigward tal-bejgħ li sar fis-sena bażi 2003, Josef Abela ddikjara li* kien hemm bejgħ ta' arja f'din it-triq li hija Triq it-Tank fis-Siġġiewi. *Il-kuntratt relattiv ġie esebit a fol. 144 sa 157 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16. Xehed ulterjorment illi* l-bejgħ kien dikjarat għas-somma ta' LM7,000. Ix-xerrejja min-naħa tagħhom kienu ssellfu LM22,000 fejn LM4,300 minnhom kienu ttieħdu biex tinxtara l-arja u l-bqija li huma LM17,700 għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tlestija tal-proprjetà. X'ħin konna qegħdin naraw id-dokumenti u l-informazzjoni li ħriġna aħna mill-Unit tagħna, ħriġna rapport jissejjaħ l-*Address History Report* tax-xerrej – *esebit a fol. 159 tal-proċess tal-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16* – u hemmhekk juri li s-Sur David Scicluna li kien xtara din l-arja biddel l-address tiegħu wara xahrejn biss li xtara din il-proprjetà. Biddel l-address tiegħu proprju fit-2 ta' Ġunju, 2003, xahrejn biss wara li xtara l-proprjetà. U mhux hekk biss anke l-isem kien ingħata lil din il-proprjetà li kien xtara. Xi ħaġa oħra li ħareġ

mill-kuntratt qegħda lejn l-aħħar tal-kuntratt tax-xiri ... naraw li x-xerrej kellu jkun responsabbli mill-bini u ż-żamma tal-faċċata kif wara kollox jagħmel sens jekk inti qed tixtri arja imma mbagħad fl-istess paragrafu nsibu sentenza li qisha tikkontradixxi daqsxejn il-bejgħ li kien hemm fejn jgħidilna the facade will be finished in a whole as an entity and each owner to pay for his share of the same facade". Il-fatt li kull min kien involut mela fix-xiri ta' din il-binja kellu joqgħod jistenna lis-Sur Scicluna jlesti l-appartament tiegħu biex ikunu jistgħu imbagħad jagħmlu l-faċċata u ħaġa oħra li qisna nnutajna kienet li l-owner kien diġà xtara u żviluppa fuq l-arja tiegħu. ... Imbagħad hemm oħra u nsibu li l-permess ħareġ fis-sena 2001 – *esebit a fol. 161 u 162 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16.* Dan ħareġ f'isem Dennis Cutajar u ħareġ *for dwellings and underlying garages and shops* u mistoqsija oħra li ħriġna, mela allura dawn l-owners tal-garaxxijiet u l-ħwienet x'qagħdu jagħmlu? Qagħdu jistennew lill-oħrajn ilestu l-binja tagħhom? Imbagħad hemm ħaġa oħra li qisna rajna daqsxejn li qed tissostanzja l-affarijiet li ħriġna. Il-fatt li fis-snin ta' qabel u mhux fis-sena 2003 u fis-sena 2004 imma fis-snin ta' qabel, kien instab mit-*tax audits* li d-depożiti li kienu qed isiru fil-bank fuq bejgħ relatat minn dan l-istess proġett ta' Triq it-Tank kienu qegħdin dejjem ikunu iktar milli dikjarat u fil-fatt ippreżentajt waħda li qegħda document C *(fn. 18 fol. 164 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16)* fejn juri li l-bejgħ kien ta' LM7,000 imma ġew depożitati LM32,000. ... Fil-kont ta' missieru f'dan il-każ, Nicholas Cutajar. Dak qisu dawk l-affarijiet li kellna li komplew iqajmulna dan is-suspett fuq is-sena 2003.

*Fir-rigward tas-sena 2004 u l-bejgħ li sar f'dik is-sena Josef Abela xehed illi* fuq tas-sena 2004 imbagħad kien hemm bejgħ fis-17 ta' Novembru tas-sena 2004 (*fn. 19 fol. 170 sa 177 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16) ...* fejn l-istess vendituri biegħu arja f'din l-istess triq, Triq it-Tank, lil Antoine Scicluna u lil Nadine Micallef. Il-prezz iddikjarat kien ta' LM8,500 imma x-xerrejja ssellfu LM34,000 li kienu LM4,000 għax-xiri tal-arja u l-bqija LM30,000 għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Interessanti f'dan il-kuntratt hemm biċċa qegħda fit-tieni paġna tal-kuntratt tal-bejgħ. F'dan il-paragrafu hemmhekk hemm imniżżel li s-somma ta' LM34,000 aktar 'il quddiem imsejħa s-somma mislufa sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jixtru l-proprjetà tagħhom fis-Siġġiewi deskritta aktar 'il quddiem f'dan l-att liema somma l-klijenti jiddelegaw lill-bank li jaċċetta, u din l-iktar waħda importanti, li jirriversja u jħallasha direttament lill-vendituri kwantu ta' LM4,000 u kwantu għar-rimanenti LM30,000 għal materjal u xogħol. *Għall-mistoqsija tat-Tribunal* jiġifieri intom dak il-paragrafu fhimtuh li lill-vendituri għaddewlhom LM34,000 hux hekk? *Josef Abela wieġeb* iva hekk hu eżatt. Għalija din hija fatt. Mela kif osservajt tajjeb

jekk dik kienet l-issue li ħriġna aħna li l-vendituri rċevew is-somma ta' LM34,000. F'paġna 7 tal-istess kuntratt insibu li l-vendituri kienu responsabbli minn xogħlijiet ta' kostruzzjoni għax fil-fatt hemm miktub li l-kumpless ta' bini li minnu l-arja f'dan l-att trasferita tifforma parti ġie mibni b'din pjanta mill-vendituri, jiġifieri l-vendituri kienu jagħmlu xogħlijiet ta' kostruzzjoni u dan ġie kkonfermat ukoll f'kuntratt ieħor tas-sena 2002 (*fn. 20 fol. 179 sa 182 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16) ...* fejn hemmhekk qed jgħid il-kuntratt 30 ta' Lulju tas-sena 2002 "*vendors are declaring to have executed and completed the works in the construction of the moveable property and the above described airspaces."* Jiġifieri dan kompla jikkonfermalna li l-vendituri kienu qegħdin jagħmlu xogħlijiet ta' kostruzzjoni wkoll. Ħaġa oħra li nnutajna kienet mill-*Compliance Certificate* tal-MEPA maħruġ fis-17 ta' Ottubru tas-sena 2005, l-applikazzjoni tas-servizz tal-elettriku datata 4 ta' Novembru tas-sena 2005 u anka mill-*inspection and as certificate* datat l-1 ta' Novembru tas-sena 2005 (*fn. 21 fol. 184 sa 186 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16). ...* għalina dehrilna li t-temp ta' żmien ta' għaxar jew ħdax-il xahar biex titlesta l-proprjetà u tkun *finished* kienet pjuttost żgħira għal xi ħadd li jrid jagħmel kollox hu mill-bidu. Hemmhekk ġiena suspett ieħor u komplejna nikkonfermaw is-suspetti tagħna li biex fi żmien għaxar xhur tlesti proprjetà jrid ikollok kważi kollox diġà miftiehem f'dak li għandu x'jaqsam mal-perkors tal-bini. Imbagħad hemm ħaġ'oħra li nnutajna li t-tax return tas-Sur Dennis Cutajar tas-sena 2005 (*fn. 22 fol. 137 sa 139 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16)* turi dan il-bejgħ li qegħdin nitkellmu fuqu lis-Sur Antoine Scicluna u Nadine Micallef, hemmhekk l-*apportionment* tal-*cost* li ttieħed kien stabbilit fuq il-profitt u għalina qiegħed maħdum ħażin għaliex huma ħadu l-*cost* tal-unit u garaxx u skont il-kuntratt ma jidhirx li nbiegħ garaxx u ma jidhrux li nbiegħu garaxxijiet lil dawn it-tnejn jiġifieri huma ħadu skont aħna *over statement* tal-*expenses* ... kif ġia spjegajt għall-Unit dawn iż-żewġ kuntratti, dawn iż-żewġ bejgħ komplew ikunu mat-trend tas-snin ta' qabel fejn il-proprjetà kienet tiġi *undervalued. Għall-mistoqsija* t-tax returns illi ġew sottomessi f'dawn is-snin jew is-snin ta' wara, jidher li huma kienu rċevew xi ħlasijiet kif jirriżulta mill-kuntratt, per eżempju biex ilestu l-flats? *Josef Abela wieġeb* skont it-tax returns is-Sur Dennis Cutajar ma jidhirx li kien dan il-każ. ... Il-profitti li ddikjara kienu biss is-share tal-arja li nbiegħet.

*Is-suspetti tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward tal-prospett tal-income tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2004 – li hija s-sena ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri – joħorġu ferm ċar mix-xhieda ta' Josef Abela u kien abbażi ta' tali suspetti li nonostante t-trapass tal-ħames snin previst fl-Artikolu 31(6) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, il-*

*Kummissarju tat-Taxxi deherlu li kellu joħroġ il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri fil-konfront tar-Rikorrent.*

*Minn qari superfiċjali tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja datat l-1 ta' April, 2003 (fn. 23 fol. 144 sa 157 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16) jidher li l-vendituri Nicholas Cutajar, Carmen Cutajar u r-Rikorrent Dennis Cutajar biegħu u ttrasferew favur David Scicluna* the stairwell, unnamed and unnumbered and the airspace from the ninth (9th) course from the pavement to the twenty first (21st) course from the pavement having an area of circa one hundred square metres (100sq.m.) which area is to be built as a maisonette, as well as the airspace from the ninth (9th) course to the level of thirty third (33rd) course, which area is to be used as a stairwell which will lead to the roof, measuring approximately two point eight square metres (2.8sq.m.) and the divided part of the airspace from the level of the thirty third (33rd) course having an area of circa fifty square metres, including the area of the washroom and stairwell which airspaces overlie garages in Triq it-Tank, Siġġiewi, *verso l-prezz ta' LM7,000. Iżda minn konsiderazzjoni akkurata tal-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi – partikolarment ix-xhieda ta' Josef Abela u d-dokumenti esebiti minnu kif ukoll ix-xhieda ta' Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c, il-Bank mingħand min David Scicluna ottjena l-finanzjament għal dan in-negozju, u d-dokumenti esebiti minnha, tirriżulta verità al quanto differenti minn dik premessa fil-kuntratt u allegata mir-Rikorrent.*

*David Scicluna (fn. 24 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju, 2017, fol. 113 sa 119 tal-proċess) xehed illi f'Ġunju 2003 huwa mar jabita fil-fond Chaffinch, Triq it-Tank, Siġġiewi, u rinfaċċjat bil-fatt li l-akkwist kien seħħ biss ftit xhur qabel fl-1 ta' April, 2003, huwa ddikjara* arja xtrajt imma. *Mistoqsi dwar il-finanzjament li ottjena mill-Bank, Scicluna xehed illi* tal-arja tajthom lil Nicholas Cutajar u l-oħrajn biex bnejtu, aluminium, madum u dawn l-affarijiet *u ddikjara wkoll li l-Bank ta l-flus direttament lilu. Mistoqsi* imma l-bank kellu instructions biex jagħtihom lill-ħaddiema? *Huwa wieġeb* imma mbagħad konna bnejnieh jiena u Nicholas Cutajar. *Mistoqsi kif seta' jakkwista arja f'April 2003 u jidħol jabita fil-post mibni u lest f'Ġunju 2003, Scicluna wieġeb* bnejnieh, għalaqtu u ma domniex għax dan kien żgħir kien fih 85 square metres. *Għalkemm iddikjara li huwa jaf jibni u li kien imur jgħin lil Cutajar fix-xogħol, mistoqsi Nicholas Cutajar x'kien jagħmel bħala xogħol, David Scicluna wieġeb* hu kien jibnili, jiena nnewwillu l-ġebel u ngħinu lil xulxin hekk. *Iddikjara wkoll li kien iħallsu bil-ġurnata u li* kull meta kien hemm hu, jekk għamel siegħa hu għamilt siegħa jiena. *Mistoqsi mill-ġdid lil min tahom il-flus il-Bank, Scicluna wieġeb* lili, mingħalija lili tahom. *Ippressat ulterjorment wieġeb* ma niftakarx ta ... Karti tal-bank m'għandix

jiena għax dak ħallastu u armejt kollox lil hemm. *Iddikjara li lanqas żamm id-dokumenti relattivi għall-polza ta' assikurazzjoni fuq il-fond u lanqas jaf kemm kien il-valur assikurat tal-proprjetà. Dwar irċevuti tax-xogħol iddikjara* dawk armejthom ukoll hux. *Mistoqsi dwar x'ħaddiema kien hemm jaħdmu fuq il-fond tiegħu, David Scicluna wieġeb* il-binja Nicholas Cutajar, kont bajjadtu jiena u bħala bini għentu jagħmlu, madum jiena dawk. *Dwar il-faċċata Scicluna ddikjara li l-faċċata għamilha hu minn fuq s'isfel* – imma l-faċċata għamiltha wara li mort noqgħod hemm għax il-faċċata jiena ma kellix għalfejn inlestiha qabel ma mort noqgħod hemm għalhekk saret wara, hawn ħafna min iħalliha anki wara għoxrin sena l-faċċata.

*Ix-xhieda ta' David Scicluna u l-mod evasiv kif irrisponda għall-mistoqsijiet meta ġie ppressat għad-dettalji u anke ċerta kontradizzjonijiet li ħarġu mix-xhieda tiegħu – primarjament fosthom il-fatt li allegatament akkwista arja f'April 2003 u fi żmien ftit xhur, prattikament xahrejn, il-fond kien lest biex jidħol jabita fih u l-fatt li qal li dan seta' jsir għaliex huwa jaf jibni iżda imbagħad irriżulta li l-involviment tiegħu kien biss li allegatament newwel ġebel lil Nicholas Cutajar, ma jagħti l-ebda serħan tal-moħħ lit-Tribunal, anzi joħloq fih il-konvinzjoni li n-negozju li verament seħħ bejnu u l-vendituri, inkluż ir-Rikorrent, ma kienx kif rifless fl-att ta' trasferiment u kif sussegwentement dikjarat fil-prospett tal-*income *tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2004.*

*Ir-Rikorrent (fn. 25 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April, 2017, fol. 87 sa 90 tal-proċess) ukoll kien evasiv ħafna fir-risposti tiegħu għall-mistoqsijiet li sarulu dwar dan in-negozju u nħeba wara l-affermazzjonijiet tat-tip* f'dan il-każ daħħalni missieri għall-ewwel darba biex jintroduċini għaliex xtaq li nkompli fl-istess sengħa tiegħu u ħareġ kollox hu, daħħalni fil-kuntratt miegħu biex iħajjarni f'dan il-proċess u jiena kont nidher biss fuq l-att meta jgħidli biex niġi. *Dwar il-fatt li ismu kien qed jidher fuq il-kuntratti ta' trasferiment, inkluż dak datat l-1 ta' April, 2003, ir-Rikorrent iddikjara* kien jidher imma għaliex daħħluni fih. Jiena dak iż-żmien kelli dsatax-il sena. ... Tista' tidħol f'dawk l-affarijiet? ... Imma jiena għaliex daħħluni lili. *Dwar x'daħħal minn dan in-negozju wieġeb* kelli bħala pocket money, dak li konna nimlew għalih ... is-sehem tiegħi kien ta' meta ċedejt l-arja. *Mistoqsi dwar il-proprjetà nnifisha qal li għalkemm jaf li tinsab is-Siġġiewi ma jafx liema tiġi għaliex hemm oħrajn, dwar ix-xogħol ta' kostruzzjoni, li skontu ma sarx minnhom, xehed li ma jafx min huma l-kuntratturi għaliex skontu ma kienx jidħol f'dawn l-affarijiet. Insista li huma biegħu arja biss u ma kinux huma li żviluppaw l-istess arja – għalkemm skont David Scicluna, Nicholas Cutajar kien involut sew fil-kostruzzjoni tal-fond u għalkemm ukoll kif stipulat fil-kuntratt ta' Antoine Scicluna u Nadine Micallef ippubblikat fis-17 ta' Novembru, 2004 (fn. 26 fol. 170 sa 177 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummissarju tat-Taxxi"*

*Rik. Nru. 43/16) dwar l-istess korp ta' proprjetà, l-art fi Triq it-Tank, Siġġiewi, ġiet żviluppata mill-vendituri, fosthom ir-rikorrent, u għalkemm ukoll ir-Rikorrent kien applika għall-permess tal-iżvilupp tal-art ġia fl-2001. (fn. 27 fol. 161 sa 162 tal-proċess fl-ismijiet "Dennis Cutajar v. Kummisarju tat-Taxxi" Rik. Nru. 43/16). Interessanti jiġi osservat li għalkemm ir-Rikorrent jinsisti li huwa kien ġuvni ta' dsatax-il sena meta missieru daħħlu f'dan il-proġett, il-kuntratt in kwistjoni ġie ppubblikat fl-1 ta' April, 2003 mhux biss meta r-Rikorrent kellu ben tnejn u għoxrin sena iżda addirittura diversi snin wara li dan il-proġett kien inbeda u għamel ċertu perkors, tul liema t-Tribunal huwa persważ, jew għall-inqas jispera, li r-Rikorrent tgħallem xi ħaġa dwar in-negozju u mhux baqa' jiffirma bil-għama kif u fejn jgħidulu hekk kif jipprova jagħti ad intendere fix-xhieda tiegħu!*

*Il-posizzjoni li ħa r-Rikorrent sa dan l-istadju tal-proċeduri ma tagħmel assolutament xejn biex tbiddel il-konvinzjoni tat-Tribunal li bil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja datat l-1 ta' April, 2003 il-vendituri, fosthom ir-Rikorrent stess, biegħu u ttrasferew lil David Scicluna, fond mibni u mhux arja u li dan it-trasferiment sar verso valur ferm ogħla minn LM7,000. Lanqas ma tagħmel xejn ukoll biex tbiddel il-konvinzjoni tat-Tribunal li l-prospett tal-*income *tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2004 ma jirriflettix dak li effettivament seħħ f'dan in-negozju.*

*Din il-konvinzjoni tat-Tribunal tkompli tissaħħaħ b'dak li rriżulta mix-xhieda ta' Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. L-imsemmija Joanna Bartolo ddikjarat li fir-rigward ta' David Scicluna kien hemm żewġ kontijiet – wieħed li nfetaħ fit-12 ta' Frar, 2003 u ngħalaq fis-17 ta' Jannar, 2004 u ieħor li nfetaħ fis-27 ta' Marzu, 2003 u ngħalaq fit-2 ta' Settembru, 2006. Fir-rigward ta' dan it-tieni kont iddikjarat li* bħala kont infetaħ fis-27 ta' Marzu, 2003 u *draw down* saret fiż-żewġ partijiet fl-1 ta' April tas-sena 2003. Id-*draw downs* saru t-tnejn fl-1 ta' April, 2003. It-tieni waħda kienet tammonta għal LM17,700, *again* saret *draw down* ammont wieħed, ma jidhirx li saru *draw downs* oħrajn u l-*loan* tħallset u l-kont ingħalaq fit-2 ta' Settembru tas-sena 2006.

*Minn din ix-xhieda jirriżulta għalhekk li kuntrarjament għal dak affermat mir-Rikorrent u minn David Scicluna, dakinhar tal-1 ta' April, 2004, ossia fid-data tat-trasferiment, il-flus li għaddew mingħand Scicluna għal għand Cutajar kienu ferm iktar minn LM4,300, ossia l-bilanċ mis-somma ta' LM7,000, u una volta li s-somma ta' LM17,700 rappreżentanti l-ħlas għall-kostruzzjoni u l-*finishing *tħallset mal-kuntratt juri li sa dakinhar l-arja ċertament kienet bdiet tiġi żviluppata u dak li kien qed jiġi trasferit, u li dejjem kienet l-intenzjoni li jiġi trasferit, kien fond mibni u mhux sempliċement arja. Dan ma jistax ikun mod ieħor għar-raġuni li l-ebda Bank ma*

*jaċċetta li jħallas somma ta' ben LM17,700 għal xogħol ta' kostruzzjoni u kkompletar jekk l-istess xogħol ma jkunx, fiż-żmien meta jiġi effettwat il-pagament, inbeda u tal-anqas mexa sew jekk mhux addirittura kważi kompletat.*

*Ir-Rikorrent jikkontendi li x-xhieda ta' Josette Galdes (fn. 28 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019, fol. 144A sa 144Ċ tal-proċess), Direttur Property Tax Section, fejn stqarret illi* għandi kuntratt tal-1 ta' April tas-sena 2003, id-deskrizzjoni tal-proprjetà hija stairwell and airspace from the 9th course from the pavement until the 21st course from the pavement having an area of 100 square metres. Ifhimni hawn ħafna dettalji. Triq it-Tank, Siġġiewi. Għal dik qed ngħidu. Fuq dan il-kuntratt nikkonferma li konna bagħatna lill-Perit però sfortunatament minħabba li dak huwa każ antik ħafna, ir-rapport tal-Perit per se ma stajniex insibuh però nista' ngħid li ma ħariġx skont id-dipartiment u għalhekk għandi nikkonkludi li ma kienx hemm id-differenza stipolata bil-liġi, ma qabiżx il-15% minn dak li ddikjaraw. Dan kien iddikjarat LM7,000 jiġifieri għalkemm ma nistax ngħid eżattament il-Perit tagħna kemm għamlu, żgur ma qabiżx it-threshold ta' 15%, *tagħti sostenn lill-pożizzjoni tiegħu li huwa, flimkien mal-ġenituri tiegħu, ittrasferixxa arja u mhux fond u li għalhekk il-kuntratt ta' trasferiment jirrispekkja dak li realment seħħ u li per konsegwenza l-prospett tal-income tiegħu għas-sena ta' stima 2004 huwa korrett u veritier.*

*It-Tribunal però jqis li din ix-xhieda ta' Josette Galdes ma hijiex suffiċjenti sabiex tegħleb dak kollu li jirriżulta mill-provi, ferm iktar konkreti, imressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi. Kull ma jirriżulta mix-xhieda ta' Josette Galdes huwa li għall-Perit inkarigat mid-Dipartiment il-valur tal-arja kien jaqa' entro l-parametru ta' 85% 15% prefiss fil-Liġi iżda minn imkien ma jirriżulta x'effettivament ra l-Perit meta mar fuq il-post. Ra arja biss? Jew ra proprjetà fil-kors ta' żvilupp iżda ta stima tal-arja biss? U jekk ra żvilupp għaddej x'informazzjoni ngħata dwar min kien qed iħallas għal tali żvilupp u min kien il-kuntrattur u x'konnessjoni seta' dan kellu mal-bejgħ? Hawn wieħed ma jridx jinsa li l-Perit joqgħod fuq informazzjoni li jagħtuh il-partijiet kontraenti jekk mhux addirittura l-kompratur biss, u mhux fuq dawk li jista' jirriżulta minn dokumenti bankarji u/jew il-kuntratt* per intero, *in kwantu dawn huma dokumenti li huwa ma jkollux aċċess għalihom. Dawn huma kweżiti li baqgħu bla risposta għaliex il-file intier in kwantu antik, ma nstabx u mingħajr risposti għal dawn il-kweżiti x-xhieda ta' Josette Galdes ma tistax tingħata l-portata li qed jippretendi r-Rikorrent.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-Kummissarju tat-Taxxi ġustament ifformula l-fehma li l-prospett tal-*income *tar-Rikorrent għas-sena ta' stima 2004 ma kienx korrett u kien qarrieqi f'aspetti materjali tiegħu u għaldaqstant kien ġustifikat f'li joħroġ Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent għall-imsemmija sena ta'*

> *stima u f'li jibqa' jinsisti fuqha għad illi t-terminu ta' ħames snin prefiss fl-Artikolu 31(6) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta kien laħaq iddekorra.*
>
> *Għal kull buon fini t-Tribunal jagħmilha ċara li hawn mhux qed jiddeċiedi jekk il-Kummissarju tat-Taxxi effettivament għandux raġun o meno f'dak minnu determinat fil-konfront tar-Rikorrent bħala* quantum *ta' taxxa dovuta – in kwantu din il-kwistjoni tista' tiġi trattata u determinata biss fl-istadju li l-appell tar-Rikorrent ikun qed jiġi trattat fil-mertu – iżda qed jiddetermina u jiddeċiedi li mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar li l-Kummissarju tat-Taxxi ma pproċediex kontra r-Rikorrent u ħareġ il-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u baqa' jinsisti fuqha b'mod kapriċċuż imma għaliex fermament, u t-Tribunal itenni jgħid ġustament, kien tal-fehma li r-Rikorrent issottometta prospett tal-*income *għas-sena ta' stima in kwistjoni li ma kienx korrett u kien qarrieqi f'xi aspett materjali tiegħu.*
>
> *Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 ma hijiex* fuori termine *in kwantu kjarament maħruġa abbażi tal-Artikolu 31(7)(b) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jiċħad l-aggravju tad-dekadenza sollevat mir-Rikorrent fir-rigward tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa għas-sena ta' stima 2004 u filwaqt li jiddikjara li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ma nħarġitx* fuori termine, *jordna l-prosegwiment tal-kawża.*
>
> *L-ispejjeż relattivi għal din l-istanza għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.*

**L-Appell**

18. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-8 ta' April, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-22 ta' Marzu, 2022, tilqa' l-aggravju preliminari tal-appellant u tiddeċiedi li, *ai termini* tal-artikolu 31(6) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, il-likwidazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-sena ta' stima 2004 inħarġet wara ż-żmien mogħti mill-istess artikolu u għalhekk hija perenta skont il-liġi. L-appellant spjega li huwa deher bħala venditur fuq

żewġ kuntratti flimkien mal-ġenituri tiegħu, l-ewwel wieħed fl-1 ta' April, 2003, fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, li permezz tiegħu ġiet trasferita l-arja mid-disa' filata tal-bankina sal-wieħed u għoxrin filata mill-bankina, kif ukoll l-arja mid-disa' filata sad-disgħa u tletin filata, liema porzjonijiet ta' arja jissovrapponu garaxxijiet fi Triq it-Tank, is-Siġġiewi; u kuntratt ieħor tas-17 ta' Novembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Philip Said, fejn sar it-trasferiment tal-arja kollha mill-għaxar filata 'l fuq fi triq ġdida li tiżbokka fi Triq it-Tank, is-Siġġiewi. L-appellant qal li huwa għamel id-dikjarazzjonijiet tal-qligħ tiegħu għas-snin ta' stima 2004 u 2005, li jinkludu l-qligħ li sar mill-bejgħ ta' dawn iż-żewġ arjiet, u l-Kummissarju tat-Taxxi bagħat avviż ta' kontestazzjoni fir-rigward tagħhom fl-10 ta' Diċembru, 2010 minħabba fid-diskrepanzi li rriżultaw. L-appellant qal li huwa oppona għal-likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, fejn preliminarjament eċċepixxa li d-deċiżjoni u l-likwidazzjoni għas-snin ta' stima 2004 u 2005 inħarġu wara ż-żmien previst mil-liġi, u għalhekk huma *fuori termine.* L-appellant qal li huwa bbaża l-aggravju tiegħu fuq dak provdut fl-artikolu 31(6) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprefiġġi terminu ta' ħames snin sabiex issir stima jew stima addizzjonali tat-taxxa għal xi sena ta' stima taħt is-subartikolu (5). L-appellant qal li min-naħa l-oħra, il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li t-terminu prefiss fl-artikolu 31(6) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax, stante li jissussistu ċ-ċirkostanzi prevvisti fl-artikolu 31(7) tal-Kap. 372.

19. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għal żewġ raġunijiet ewlenin, fl-ewwel lok għaliex l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 31(7) tal-Kap. 372 trid li d-dikjarazzjoni żbaljata tal-appellant tkun konsegwenza diretta ta' qerq; u t-tieni aggravju huwa li l-malafede, id-dolo u l-

frodi tal-appellant bl-iskop li jevadi li jħallas it-taxxa minnu dovuta, ma jirriżultawx minn ċirkostanzi univoċi.

20. L-appellant spjega li l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 31(7) tal-Kap. 372 trid li d-dikjarazzjoni żbaljata tal-appellant tkun il-konsegwenza diretta ta' qerq. Qal li din hija enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi u dan għaliex tekwipara dikjarazzjoni ħażina ma' dikjarazzjoni qarrieqa, b'mod li l-preskrizzjoni ma tista' tiġi eċċepita fl-ebda każ. Qal li l-qerq jinvolvi iżjed minn żball fid-dikjarazzjoni, iżda jinvolvi għemil doluż intiż biex tiġi evaduta it-taxxa ġustament dovuta. L-appellant qal li f'dan il-każ mhux biss m'hemmx għemil doluż da parti tal-appellant, iżda f'moħħ l-appellant jidher li dan ħaseb li qiegħed jiddikjara għall-finijiet ta' taxxa dak kollu li kellu jiddikjara, u huwa bl-ebda mod ma pprova jaħbi xi ċirkostanza mill-Kummissarju tat-Taxxa. L-appellant qal li t-Tribunal indirizza l-kwistjoni mhux kif trid il-liġi, iżda kif fehem il-kwistjoni hu.

21. L-appellant qal li m'hemm l-ebda dubju li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni għas-sena ta' stima 2004 ħarġet wara l-għeluq tat-terminu ta' dekadenza ta' ħames snin kif prevvist fil-liġi, kif tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal li minnha qiegħed isir dan l-appell. Qal li l-elementi msemmija fl-artikolu 31(7) tal-Kap. 372 ma jissussistux, u għaldaqstant hija r-regola ta' dekadenza li għandha tapplika kif imsemmija fl-artikolu 31(6) u mhux l-eċċezzjoni msemmija fl-artikolu 31(7) tal-Kap. 372. Żied jgħid li fil-fatt huwa għamel id-dikjarazzjonijiet kollha li kien tenut jagħmel skont il-liġi, u għamilhom b'mod veritier. L-appellant qal li sabiex il-Kummissarju appellat jirnexxi fl-applikazzjoni tal-eċċezzjoni *ai termini* tal-artikolu 31(7) tal-Kap. 372, id-diskrepanza bejn dak li ddikjara t-*taxpayer* u dak li l-Kummissarju jidhirlu li

għandu jiġi dikjarat, għandha tkun b'riżultat taċ-ċirkostanzi speċifiċi kontemplati l-imsemmi artikolu. Qal li sabiex jirnexxi fl-eċċezzjoni tiegħu, il-Kummissarju appellat kellu jġib prova ċara li f'dan il-każ kien hemm qerq jew frodi, jew intenzjoni ta' evażjoni da parti tal-appellant.

22. L-appellant qal li bħala regola, l-oneru jinkombi fuq il-Kummissarju sabiex jipprova li n-nuqqasijiet tal-appellant jammontaw għal aġir qarrieqi da parti tiegħu u li l-aġir tiegħu sar b'konsapevolezza u bl-intenzjoni frawdolenti li jevadi l-obbligazzjonijiet fiskali tiegħu. Żied jgħid li dawn l-elementi għandhom jiġu debitament ippruvati mill-Kummissarju appellat, u dan għaliex sabiex l-appellant jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jinvoka l-applikazzjoni tat-terminu perentorju li fih tista' ssir Likwidazzjoni tat-Taxxa u tiġi estiża għal terminu indefinit u li ma jispiċċa qatt, il-Kummissarju ma jrid jifdallu l-ebda ombra ta' dubju li l-appellant innifsu aġixxa bi frodi. L-appellant qal li l-konvinċiment u l-konklużjoni li l-appellant kellu intenzjoni qarrieqa, għandha tirriżulta minn ċirkostanzi univoċi, u fil-każ odjern il-provi miġjuba mill-Kummissarju appellat huma bbażati biss fuq preżunzjonijiet u induzzjonijiet. L-appellant qal li l-kliem tal-kuntratti ta' bejgħ magħmula permezz ta' att pubbliku fejn l-appellant deher bħala wieħed mill-vendituri huwa ċar, u ċjoé li t-trasferiment tal-proprjetà in kwistjoni huwa ta' arja. L-appellant qal li diġà kien hemm il-permessi neċessarji sabiex tinbena l-proprjetà relattiva, u huwa naturali li meta kumpratur ikun qiegħed jakkwista arja, u jrid juża dik l-arja għall-iżvilupp, irid jaċċerta ruħhu li fuq il-kuntratt finali tal-akkwist, il-permessi neċessarji li jippermettu dak l-iżvilupp ikunu in regola. L-appellant qal li dan il-fatt ma jistax jintuża sabiex jissostanzja l-intenzjonijiet qarrieqa tal-appellant.

23. L-appellant qal ukoll li huwa naturali li meta kumpratur jieħu self bankarju, parti sostanzjali mis-self tkun tkopri l-kostruzzjoni u l-*finishings* tal-post. Qal li tenut kont taż-żminijiet tal-kuntratti in kwistjoni, l-ispejjeż għall-kostruzzjoni u l-*finishings* kienu jqumu aktar mill-prezz tal-arja. Qal li t-Tribunal straħ fuq ċirkostanzi inkongruwi, bħal ma huma l-ammont ta' self bankarju li ħadu l-kumpraturi u l-mod kif ġew trasferiti l-flus għax-xiri tal-arja u sabiex jitħallsu l-ispejjeż kollha biex jingħalqu l-proprjetajiet, sabiex it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-appellant aġixxa b'mod frawdolenti. Qal ukoll li kienu l-kumpraturi li ddeterminaw x'tip u xi kwalità ta' *finishings* riedu jagħmlu fil-post biex jagħlqu l-proprjetà, u kienu huma li għamlu l-arranġamenti meħtieġa mal-banek. Qal li l-unika ħaġa li huwa biegħ kienet l-arja, u din ġiet żviluppata u magħluqa mill-kumpraturi, mingħajr ma jaf xi spejjeż għall-kostruzzjoni u għall-*finishings* kienu involuti.

24. Fit-tielet lok, qal l-appellant, it-Tribunal ibbaża l-konklużjoni tiegħu li l-intenzjonijiet tal-appellant kienu dolużi, fuq iż-zmien relattivament qasir li fih inbnew il-proprjetajiet in kwistjoni. Qal li ma nġabet l-ebda prova li huwa kien direttament involut fl-iżvilupp ta' dawn il-proprjetajiet, u mix-xhieda mogħtija kellu jirriżulta li x-xogħol tal-kostruzzjoni sar minn missier l-appellant u mhux minnu. Qal ukoll li l-metraġġ tal-arja mibjugħa jikkonsisti, bejn wieħed u ieħor f'mitt metru kwadru, li huwa metraġġ żgħir u li ma jeħtieġx żmien twil għat-tlestija tiegħu, speċjalment jekk wieħed jiffoka fuq dan il-proġett biss. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda ta' Josette Galdes, Direttur tal-*Property Tax Section*, li kkonfermat li bħala proċedura jintbagħat perit mill-aktar fis possibbli mid-Dipartiment, u dan jeskludi l-fatt li l-perit aċċessa s-sit in

kwistjoni wara ħafna żmien. Qal ukoll li ġialadarba jirriżulta li l-perit inkarigat biex jispezzjona u jivvaluta l-proprjetà ma ħareġ l-ebda kont, dan jirrifletti l-fatt li d-diskrepanza fil-valur iddikjarat fuq il-kuntratt u dak tal-perit inkarigat mid-Dipartiment ma qabiżx il-*margin of error* li tipprovdi għalih il-liġi. L-appellant qal li fix-xhieda tagħha, Josette Galdes tenfasizza li l-proprjetà deskritta fil-kuntratt tas-17 ta' Novembru, 2004, li tikkonsisti fl-arja kollha, 'il fuq minn 10 filati, Triq it-Tank, Siġġiewi, hija l-proprjetà li spezzjona l-perit, li wara l-ispezzjoni tiegħu wasal għall-konklużjoni li dik l-arja tiswa LM9,000. Qal li l-*margin of error* li tipprovdi għalih il-liġi jammonta għal massimu ta' ħmistax fil-mija, u d-diskrepanza li kienet tirriżulta bejn arja u proprjetà mibnija, bħal ma qiegħed jingħad f'dan il-każ, kienet tammonta għal ħafna aktar minn ħmistax fil-mija. L-appellant qal li irrispettivament mill-kontenut tal-*file,* li minħabba fil-mogħdija taż-żmien baqa' ma nstabx, id-dettalji li tat id-direttur jikkonfermaw li l-proprjetà li ġiet trasferita mill-appellant u l-involviment tiegħu kien jikkonċerna speċifikament u limitatament il-bejgħ tal-arja biss, u dan kif ikkonfermat mill-perit li ra s-sit ftit wara li saret ir-reġistrazzjoni tal-kuntratti in kwistjoni. L-appellant qal li minn dawn il-fatti jirriżulta li huwa żvela dettalji fil-prospett tal-*income* tiegħu għas-snin ta' stima 2004 u 2005, abbażi tal-fatti materjali kollha rilevanti sabiex jiddetermina l-*income* tiegħu mingħajr ma kellu l-intenzjoni li jevita t-taxxa jew li jkun qarrieqi f'xi aspetti materjali.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

25. L-appellat wieġeb li preliminarjament irid jingħad li l-appell in kwistjoni huwa irritu u null għaliex imur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 231 tal-

Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). L-appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija deċiżjoni *in parte,* u ma jirriżultax li l-appellant talab permess, la verbalment u wisq anqas permezz ta' rikors, sabiex isir appell qabel id-deċiżjoni finali tat-Tribunal, kif jitlob l-artikolu 231(1) tal-Kap. 12, u għaldaqstant dan l-appell huwa intempestiv, u għalhekk irritu u null. L-appellat qal li preliminarjament ukoll, l-appell intavolat mill-appellant huwa irritu u null għaliex huwa bbażat fuq apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal, u mhux fuq punt ta' liġi kif jitlob l-artikolu 35(5) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta.

26. Fil-mertu, l-appellat qal li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda. Qal li fl-2010, kien inbeda eżerċizzju ta' verifika dwar id-dħul dikjarat mill-appellant, li kien involut fin-negozju tal-proprjetà, b'riferiment għas-snin ta' stima 2004 u 2005, u safejn baqa' ma kien hemm l-ebda qbil fuq id-dħul li kellu jiġi dikjarat, fis-17 ta' Diċembru, 2010, l-appellat ħareġ żewġ 'Avviżi ta' Likwidazzjoni (Oriġinali)' kontra l-appellant għas-snin imsemmija. Qal li l-appellant issottometta żewġ 'Avviżi tal-Oġġezzjoni' għal kull sena ta' stima, u f'Ġunju 2016, wara li sar il-proċess tal-oġġezzjoni u baqa' ma kienx hemm qbil, l-appellat ħareġ żewġ 'Avviżi ta' Rifjut tal-Oġġezzjoni' permezz ta' liema l-Likwidazzjonijiet (Oriġinali) maħruġa fl-2010 ġew ikkonfermati. Qal li fl-1 ta' Lulju, 2016, sar appell quddiem it-Tribunal mill-appellant, u ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u fit-22 ta' Marzu, 2022, it-Tribunal ta d-deċiżjoni *in parte* tiegħu fejn qal li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ma saritx *fuori termine.* B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellat qal li l-Kapitolu tal-Liġi applikabbli għall-vertenza sollevata huwa l-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux il-Kap. 572, li

ġie erronjament iċċitat f'xi paragrafu tar-rikors tal-appell. Qal li dan l-aggravju huwa insostenibbli stante li jammonta għal ċensura tal-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal sabiex wasal għad-deċiżjoni *in parte* tat-22 ta' Marzu, 2022, fejn qal li l-'Avviż ta' Likwidazzjoni' għas-sena ta' stima 2004 ma kienx *fuori termine.* L-appellat qal li kif jirriżulta mill-atti proċesswali, l-appellant issottometta prospett tat-taxxa li ma kienx jiżvela l-fatti kollha materjali u saħansitra għamel dan konsapevolment. Qal li kien għalhekk li wara evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiemu, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-prospett tal-*income* tal-appellant għas-sena ta' stima 2004 ma kienx korrett u kien qarrieqi. L-appellat qal ukoll li dan l-aggravju ma jammonta għal ebda punt ta' liġi, u m'huwa xejn għajr tentattiv sabiex il-Qorti tissindika l-provi miġjuba quddiem it-Tribunal.

27. L-appellat għamel riferiment ukoll għat-tieni aggravju tal-appellant, u qal li dan ukoll huwa tentattiv sabiex jiġi sindakat l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal. Qal li mhux minnu li l-provi miġjuba jammontaw biss għal preżunzjonijiet u induzzjonijiet, u dan kif jirriżulta ċar mill-inkartament tal-kawża odjerna. Qal li f'ċirkostanzi fejn il-Kummissarju tat-Taxxi jallega evażjoni, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-istess Kummissarju, iżda li awturi stabbiliti f'dan il-qasam jgħidu li l-grad tal-prova li jinkombi fuq il-Kummissarju f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa fuq livell *prima facie.* L-appellat qal li tul il-kors ta' dawn il-proċeduri, huwa pprova f'livell ta' *prima facie* li l-appellant għamel dikjarazzjonijiet li ma kinux korretti bil-għan li jevita t-taxxa, u għalhekk il-grad ta' prova rikjest mil-liġi ġie sodisfatt u l-Likwidazzjoni maħruġa għas-sena ta' stima 2004 inħarġet skont il-liġi. Qal ukoll li minn qari tas-sentenza appellata

għandu jirriżulta b'mod ampju li t-Tribunal kien sodisfatt li l-appellat ġab prova, fil-livell permess mil-liġi, li d-dikjarazzjonijiet li saru mill-appellant ma kinux veritieri, u dan bil-għan li tiġi evitata t-taxxa. L-appellat qal li t-tieni aggravju tal-appellant ukoll qed jittenta jissindika l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal sabiex jasal għad-deċiżjoni in parte tat-22 ta' Marzu, 2022.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

28. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-appell fil-mertu, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju appellat, li jissottometti li l-appell in kwistjoni huwa null għaliex l-appellant ma talab l-ebda permess sabiex jappella mid-deċiżjoni *in parte* li ta t-Tribunal. Fil-fatt mill-atti ma jirriżultax li ġie vverbalizzat li l-appellant talab xi permess lit-Tribunal jew infurmah li kien fi ħsiebu jressaq appell mid-deċiżjoni *in parte* tiegħu, u waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur tal-appellant ma ċaħadx li ma kien intalab l-ebda permess, u li t-Tribunal ma ġiex infurmat bl-appell mid-deċiżjoni *in parte* tiegħu entro t-terminu stabbilit fl-artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Huma diversi s-sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna fejn ġie stabbilit li f'każ li ma jintalabx permess bħal dan lill-Qorti, l-appell mid-deċiżjoni preliminari jitqies li huwa proċeduralment null u bla effett. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Vella noe *vs.* Perit Norbert Attard**[1], kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Raymond Sammut *vs* Anthony Micallef**.[2] Il-Qorti tagħmel ukoll

---

[1] 21.06.2004.
[2] 20.01.2009.

riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud *vs.* Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et**[3], fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Illi l-liġi tagħmilha ċara li kull appell minn sentenzi separati mogħtija minn xi qorti qabel l-għoti tas-sentenza aħħarija jista' jsir biss bil-permess tal-qorti li tkun tathom, kemm jekk dan jingħata bil-miftuħ jew imqar fuq talba li ssirilha b'rikors imressaq fi żmien sitt ijiem mill-qari ta' dik is-sentenza. Il-kliem tal-liġi huwa tassattiv u kull appell li jitressaq mingħajr il-permess tal-qorti li tkun tat dik is-sentenza *in parte* ikun irritu u null. (App. Ċiv. 6.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Cutajar vs J. Lautier Co. Ltd.).***"

29. Illi kuntrarjament għall-impressjoni li pprova jagħti l-avukat difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni, la t-test tal-liġi u lanqas is-sentenzi iċċitati ma jgħidu li l-ħtieġa li jintalab il-permess tal-Qorti li tkun tat id-deċiżjoni *in parte* hija limitata għad-deċiżjonijiet *in parte* li jingħataw mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti qegħda tqis l-appell in kwistjoni huwa irritu u null, u qegħda tordna li l-atti għandhom jiġu rinvijati lit-Tribunal għall-kontinwazzjoni skont il-liġi.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal għall-kontinwazzjoni skont il-liġi.**

[3] 07.01.2020.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**